**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKOLA SEKONDARJA 20**

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni

Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

StudentBounty.com

**IT-TIELET SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ______________

**Taqsima A** **(20 marka)**

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.

1. X'inhi kuxjenza?

______________________________________________

______________________________________________

(2 marki)

2. Fejn għandna nfittxu x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin?

______________________________________________

______________________________________________

(2 marki)

3. X'inhi tentazzjoni?

______________________________________________

______________________________________________

(2 marki)

4. Għaliex Ġesù qal lil Pietru, "Itlaq minn quddiemi, ja xitan"?

______________________________________________

______________________________________________

(2 marki)

5. Kif tista' tirbaħ it-tentazzjoni?

______________________________________________

______________________________________________

(2 marki)

6. X'jistgħu jkunu l-allat ta' żmienna?

______________________________________________

______________________________________________

(2 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

7. Għaliex Alla għandu jiġi l-ewwel?

______________________________________________

______________________________________________

(2 marki)

8. Kif tista' tegħleb il-vizzju tad-dagħa?

______________________________________________

______________________________________________

(2 marki)

9. 'Tħobb' tfisser ferm iżjed milli ma tagħmilx ħsara lil min tħobb. Għaliex?

______________________________________________

______________________________________________

(2 marki)

10. X'nemmnu aħna l-Insara li jiġri wara l-mewt?

______________________________________________

______________________________________________

(2marki)

**Taqsima B** **(10 marki)**

Imla l-vojt b'dan il-kliem.

***idolatrija, saħħar/a, ġurament, dagħa, is-Sataniżmu.***

1. Meta nieħu ___________ qed insejjaħ 'l Alla bħala xhud ta' dak li qed ngħid.

2. _________________ huwa l-agħar espressjoni ta' tkażbir lejn Alla.

3. Min imur għand is-__________________ qed jonqos mill-qima lejn Alla.

4. ____________ huwa kliem ta' mibegħda, ta' żeblieħ jew ta' sfida lil Alla.

5.Min jagħti qima lil xi spirtu jew qawwiet oħra jaqa' fl-__________________.

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima Ċ** (1

Qabbel billi timla n-numri minn 1 sa 10 fil-kolonna l-vojta fin-nofs.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | It-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù ġrat | | li Hu wkoll Alla. |
| 2 | Fuq l-għolja dehru ma' Ġesù | | li jtellgħu tliet tined. |
| 3 | Mosè u Elija jirrappreżentaw | | sar abjad u jgħammex bid-dija. |
| 4 | Minn ġo sħaba nstema' leħen jgħid | | kien il-leħen ta' Alla nnifsu. |
| 5 | Pietru qal lil Ġesù | | fuq il-muntanja Tabor. |
| 6 | Pietru ried | | mat-Tliet persuni tat-Trinità. |
| 7 | Il-leħen minn ġos-sħaba | | il-Liġi u l-Profeti. |
| 8 | L-ilbies ta' Ġesù | | "Kemm hu sew li aħna hawn...." |
| 9 | F'din il-ġrajja niltaqgħu | | Mosè u Elija. |
| 10 | B'din il-ġrajja Ġesù wera | | "Dan Hu Ibni l-għażiż...." |

**Taqsima D** **(15-il marka)**

Fisser dawn is-siltiet mill-Bibbja.

1. "U Alla ħalaq il-bniedem fuq ix-xbieha tiegħu, fuq xbihet Alla ħalqu, raġel u mara ħalaqhom." *(Ġen1,27)*

________________________________________

________________________________________

________________________________________

(3 marki)

*2.* U berikhom Alla u qalilhom: "Nisslu u oktru u imlew l-art." *(Ġen1,28)*

________________________________________

________________________________________

________________________________________

(3 marki)

*3.* "Weġġah lil missierek u 'l ommok sabiex jitkattru jiemek fuq l-art li l-Mulej Alla jagħtik." *(Eż.20,12)*

________________________________________

________________________________________

________________________________________

(3 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

4. "Imbagħad niżel magħhom u reġa' mar Nazaret; u kien j
(Lq.2,51)

(3 marki)

5. "Ishru u itolbu biex ma tidħlux fit-tiġrib." *(Matt.26,41)*

(3 marki)

**Taqsima E** **(15-il marka)**

X'tista' tagħmel fil-ħajja tiegħek ta' kuljum biex tgħix skont it-talba ta' San Franġisk?

***EŻEMPJU:*** *"Fejn hemm il-qtigħ il-qalb ħallini nqawwi t-tama."*
*X'NISTA' NAGĦMEL: Ngħid kelma ta' kuraġġ u nara nistax ngħin jien jew nafx lil xi ħadd li jista' jgħin.*

1. "Fejn hemm in-niket, ħallini nferrex il-ferħ."

(3 marki)

2. "Fejn hemm il-ħtija, ħallini nferrex il-maħfra."

(3 marki)

3. "Fejn hemm il-mibegħda, ħallini nħeġġeġ l-imħabba."

(3 marki)

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. "Fejn hemm id-dubju, ħallini ndaħħal il-fidi."

(3 marki)

5. "Tħallix li iżjed inkun maħbub milli nħobb jien."

(3 marki)

**Taqsima F** **(10 marki)**

"**Kull ma tagħmlu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, tkunu tagħmluh miegħi.**" ***(Matt.25,40)***

F'madwar 50 kelma fisser x'għamel WIEĦED minn dawn in-nies matul ħajjithom biex juru l-imħabba tagħhom lejn min kien fil-bżonn.

Ġesù ***JEW*** Madre Tereża ***JEW*** San Martin

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Taqsima Ġ** **(20**

1. Ikteb l-istorja, li nsibu fit-Testment il-Qadim, tal-ħbiberija bejn David Ġonatan. (10 marki)

2. Xi kwalitajiet naraw f'din il-ħbiberija? (5 marki)

3. Ikteb dak li int tgħallimt minn din il-ġrajja biex int tkun ħabib/a aħjar. (5 marki)

**TMIEM IL-KARTA**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers